# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 67/2015

**Il-Pulizja**

**(Spettur Kylie Borg)**

**Vs**

**Frankie Falzon**

Seduta tat-30 t'Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Frankie Falzon detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 138078M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli, nhar it-2 t'Ottubru 2014, ghall-habta tas-14.15 ta' wara nofs inhar, gewwa Hal-Qormi:

1. Volontarjament ghamel hsara li tammonta ghal aktar minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda mhux aktar minn elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) u dan ghad-detriment ta' Doris Briffa u/jew persuni ohra;

2. Bl-imgieba tieghu kkaguna lil Doris Briffa detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 683056M, biza li se tintuza vjolenza kontriha meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil Doris Briffa biza' li ser tintuza vjolenza kontriha f'xi okkazjoni;

3. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Doris Briffa u/jew b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal Doris Briffa;

4. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati ppreseduta mill-Magistrat Dott. Doreen Clarke LL.D. f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-Artikolu, 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Frankie Falzon u tordna l-arrest mill-gdid tieghu kif ukoll tordna li s-somma ta' 10,000 ewro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Il-prosekuzzjoni talbet ukoll lill-Qorti sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Doris Briffa u r-residenza taghha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta;

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-9 ta' Frar, 2015, li biha, wara ammissjoni ta' Frankie Falzon sabet lill-istess **Frankie Falzon** hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti u kkundannatu ghal tmien (8) xhur prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Frankie Falzon, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma**

s-sentenza appellata billi **tikkonferma l-hijta** u **thassarha u tirrevokaha** billi tapplika piena inqas harxa.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-abbli difensur tal-appellant u lill-abbli Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti u l-appellant iressaq zewg gravami in rigward. Fl-ewwel lanjanza, l-appellant jghid illi l-Qorti naqset milli tiehu konjizzjoni tal-patteggjament raggunt bejnu u l-prosekuzzjoni ghal piena ta' tlett xhur prigunerija. B'mod sussidjarju, jargumenta illi l-piena erogata, dik ta' tmien xhur prigunerija, hija wahda eccessiva;
2. Kwantu ghall-ewwel aggravju, l-appellant jghid illi kien intlahaq ftehim mal-prosekuzzjoni illi jinghata piena ta' tlett xhur prigunerija u dan ma kienx konsiderat mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti gia kellha okkazzjoni taghmel osservazzjonijiet dwar li llum il-gurnata, precizament wara is-sena 2014, il-patteggjament quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) jista' jsir <u>biss</u> bil-forma kif preskritta fl-artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali: *"Fi kwalunkwe stadju tal-proceduri, l-imputat u l-Avukat Generali jistghu jilhqu ftehim u jitolbu lill-qorti permezz ta' rikors, sabiex fil-kaz li l-imputat jiddikjara ruhu hati, il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' gudikatura kriminali tapplika dik is-sanzjoni jew mizura jew, meta jkun hekk provdut bil-ligi, kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew mizuri, tax-xorta u l-kwantita' miftiehma bejniethom u li dwarhom l-imputat ikun jista' jinghata sentenza meta jinstab hati ghar-reat jew*

*ir-reati li jigi akkuzat bihom".* Dan l-artikolu tal-ligi kien introdott fil-Kodici Kriminali bis-sahha tal-Att IV tal-2014 tat-13 ta' Marzu 2014 u jidher li dahal fis-sehh immedjatament. Is-sentenza appellata inghatat fid-9 ta' Frar, 2015 u ghalhekk fejn il-Qrati taghna kienu jirrikonoxxu dak l-hekk imsejjah patteggjament informali (ara per ezemplari is-sentenza Il-Pulizija vs Adil Hassan Mohammed – App Krim 13.2.2012 fost ohrajn), wara l-Att IV ma jistghax ikun aktar kontemplat xi forma ohra ta' patteggjament;

3. Ezaminati l-atti ma jirrizulta ebda patteggjament bil-forma kif ravvizata *supra*. Mhux biss hekk, talli fl-udjenza tal-15 ta' Dicembru, 2014, quddiem l-ewwel Qorti, igifieri sew wara li dahal fis-sehh l-Att IV tal-2014, hemm registrat is-segwenti: Dr. Edward Gatt jiddikjara li l-akkuzat llum qed jiskonta piena ta' habs effettiv li jemani minn kawza ohra u li ghaliha ma sarx appell u jirrimetti ruhu ghal kwalunkwe piena u jiddikjara li m'ghandux provi xi jressaq. Fl-udjenza tal-25 ta' Novembru, 2014, l-appellant kien irregistra ammissjoni dwar l-imputazzjonijiet kollha;

4. Illi ghalhekk jekk id-difiza kienet konkordi mal-prosekuzzjoni dwar l-ammont ta' karcerazzjoni li ghandu jinghata bhala piena l-appellant, dan mhux biss ma kienx jorbot lill-ewwel Qorti talli l-istess appellant ddikjara li kien lest ghall-kwalsiasi piena. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

5. Fit-tieni aggravju tieghu, l-appellant jargumenta illi l-piena erogata hija eccessiva u mhux idonea. Kwantu ghall-inidoneita tal-piena, din il-Qorti ma tistax tifhem l-argument tal-appellant meta hu stess iddikjara li kien lest ghall-kwalunkwe piena, inkluza ghalhekk dik karcerarja tant li ddikjara li kien ftiehem mal-prosekuzzjoni ghal-perjodu ta' tlett xhur inkarcerazzjoni. Kwantu ghat-terminu ta' prigunerija, l-appellant jargumenta illi la darba kien irregistra ammissjoni, l-piena kellha tkun fil-minimu taghha. Dan l-argument ma jistghax ikun akkolt. L-ammissjoni, anke jekk maghmulha fi stadju bikri tal-proceduri, ma tintitolax lill-hati b'mod awtomatiku ghall-applikazzjoni tal-piena fil-minimu taghha. Inoltre, u kif wara kollox gia rikonoxxut mill-appellant fis-sottomissjonijiet

tieghu, meta tigi ghal-piena, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li dik il-piena ma kienitx fil-parametri tal-ligi;

6. Il-piena erogata tirrientra sew fil-parametri tal-ligi tenut kont illi it-tielet imputazzjoni, dik soggetta ghal-prigunerija minn xahar sa sitt xhur ghandha tizdied bi grad skond id-dispost tal-artikolu 251A 1(a) u (b) u li l-ewwel Qorti indikat l-artikoli 50 tal-Kodici Kriminali li jista jgib mieghu zieda tal-piena bi grad u li ghalhekk jitqies li kienet hekk mizjuda;

7. Jinghad ukoll illi l-appellant talab li tingieb quddiem il-Qorti l-kwerelanta, omm il-mara tieghu, sabiex tirrinunzja ghall-kwerela taghha anke jekk f'dan l-istadju tal-proceduri, igifieri fi stadju tal-appell, ma tistghax issir rinunzja.  Din il-Qorti naturalment kienet tkun disposta tisma' il-fehma tal-kwerelanta ghal fini ta' piena izda quddiem il-Qorti ddikjarat li ma kienet fi hsiebha tirregistra ebda rinunzja. Ezaminata id-deposizzjoni ta' Doris Briffa moghtija quddiem l-ewwel Qorti, jemergi illi din il-persuna ghadha mbezza' mill-appellant li sahansitra iwasslilha theddid anke minn wara l-kancelli tal-habs u ghalhekk din il-Qorti mhix disposta tikkontempla xi temperament fil-piena.  L-appellant huwa xxurtjat li l-Avukat Generali ma interponiex appell hu stess dwar il-piena kominata b'mod partikolari dwar it-talbiet li l-prosekuzzjoni ghamlet lill-ewwel Qorti li baqghu mhux konsiderati minnha;

8. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.